MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 596/2001/1

**Twin Spark Limited**

**vs**

**J & K Properties Limited u b'digriet tal-11 ta' Frar 2002,
gie kjamat fil-kawza Jeffrey Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Gunju, 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur is-somma ta' mitejn tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u hamsin centemzi (Lm298.55) rapprezentanti l-valur tal-kambjala annessi ma' l-avviz u mmarkata bhala Dokument "B" li mmaturat fis-17 ta' Novembru 2000 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u mghax legali.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi primarjament is-socjeta' *J&K Properties Limited* ma tezistix u dana kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

2. Illi sekondarjament il-kambjala mertu ta' dina l-kawza hija nulla u dana stante illi tali kambjala mhux konformi mar-rekwiziti stipulati fl-artikolu 123 et seq. tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi in oltre u minghajr pregudizzju l-kambjala mertu ta' dina l-kawza hija nulla u bla effett u dana stante illi l-istess kambjala hija inflitta minn vizzju fil-kunsens u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Frar 2002 fejn ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Jeffrey Buttigieg.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Jeffrey Buttigieg fejn eccepixxa:

1. Illi huwa fil-kapacita' tieghu personali ma assuma ebda obbligi fil-konfront tas-socjeta' attrici u wisq anqas ma ffirma kambjala fil-kapacita' tieghu personali u ghaldaqstant mhemm ebda relazzjoni guridika bejnu u bejn is-socjeta' attrici u b'hekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kambjala mertu ta' din il-kawza hija nulla stante li tali kambjala mhux konformi mar-rekwiziti stipulati fl-artikoli 123 et seq. tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi minghajr pregiduzzju ghas-suespost il-kambjala mertu ta' dina l-kawza hija nulla u bla effett u dana stante

illi hija inflitta minn vizzju fil-kunsens u dana kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi f'Ottubru, 2000 il-kjamat fil-kawza Jeffrey Buttigieg ha karozza bin-numru HAO 135 ghand is-socjeta' attrici ghat-tiswija. Il-karozza kienet lesta ghal konsenja fis-17 ta' Ottubru 2000 u l-kjamat fil-kawza mar biex jehodha. Jidher illi nqala disgwid bejnu u bejn Ralph Cordina d-Direttur tas-socjeta' attrici dwar l-ammont ta' zmien li l-karozza damet ghat-tiswija, kif ukoll dwar il-kont li Jeffrey Buttigieg dehrlu li kien esagerat. Dan ta' l-ahhar ighid ukoll illi Cordina rrifjuta li jirrilaxxa l-karozza qabel ma jithallas u ghalhekk biex sar kompromess, Buttigieg iffirma l-kambjala li l-original taghha tinsab esebita a fol 37 A tal-process.

Qamet kontroversja bejn il-partijiet dwar il-kambjala peress illi l-isem tal-kumpanija gie ndikat hazin. Kien ghalhekk li l-kumpanija ghamlet l-ewwel eccezzjoni taghha fuq in-nuqqas ta' relazzjoni guridika, peress illi l-kumpanija ndikata fil-kambjala ma tezistix. Saret eccezzjoni wkoll dwar in-nullita' tal-kambjala minhabba li mhix konformi mal-artikoli 123 tal-Kap 13, kif ukoll li l-kambjala hija annullabbli minhabba vizzju tal-kunsens, peress illi jinghad illi Jeffrey Buttigieg kien kostrett jiffirma din il-kambjala ghax inkella ma jiehux il-karozza.

Ikkunsidrat:

Ma hemmx dubbju illi l-aktar eccezzjoni importanti hija dik li tirrigwarda n-nullita' tal-kambjala minhabba difett fil-forma peress illi l-firma tat-traent hija nieqsa. F'dan il-kaz, it-traent huwa rapprezentant tas-socjeta' attrici u minn

ezami tal-kambjala a fol 37 A jidher in-nuqqas tal-firma tieghu.

L-artikolu 123 tal-Kap 13 ighid fost affarijiet ohra li fil-forma tal-kambjala ghandu jkun hemm il-firma ta' min jigbidha, u cioe' t-traent. Il-gurisprudenza kkwotata fin-nota tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tal-kjamat fil-kawza, hija korretta u a skans ta' repetizzjoni, l-Qorti taghmel pjena referenza. Dawk is-sentenzi jghidu illi biex kambjala tkun valida jehtiegu almenu l-firma tat-traent u ta' l-accettant (ara wkoll Henry A Pace vs Joseph Azzopardi Vol XLV111 pt ii pg 1206). Din il-gurisprudenz hi konformi mat-taghlim tal-Professur Carlo Mallia meta jghid (Diritto Commerciale parte ii pg 261) *"La cambiale, infine, deve essere firmata dal traente. Questo e' il requisito piu' essenziale, e per la ragione piu' ovvia del mondo. Il traente o emittente d'una cambiale deve sottoscrivere in suo nome e cognome in calce alla stessa perche' risulti in modo formale e non equivoco della sua volonta' di obbligarsi cambiariamente verso qualunque possessore del titolo. La firma si pone in calce alla cambiale, quasi per ratificare quanto venne esposto in essa….. Una cambiale non firmata dal traente non e' che un semplice progetto o abbozzo di cambiale".* Aktar l-isfel jaghlaq l-argument billi jiddiskrivi 'l bzonn tal-firma bhala "…necessita' assoluta…."

Ghalhekk fuq l-iskorta ta' dan it-taghlim il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikkjara l-kambjala mahruga fis-17 ta' Ottubru 2000 bhala nulla ghal kull fini u effetti tal-Ligi. Dan il-fatt igib akkademiku t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u kjamat fil-kawza rigward il-vizzju tal-kunsens, peress illi ladarba l-kambjala hija nulla, mhux il-kaz li l-Qorti tidhol f'din il-kwistjoni li fi kwalunkwe kaz, darba si tratta ta' annullabilita' jehtieg kawza "ad hoc" u mhux eccezzjoni.

Ghalhekk tibqa' l-kwistjoni li l-partijiet qajmu fin-noti taghhom rigward il-bidla ta' l-azzjoni minn wahda ta' kambjarja ghal wahda ta' obbligazzjoni semplici.

Ikkunsidrat:

Fil-kawza Dr Mifsud vs Giocomotto deciza fis-6 ta' Marzu, 1912 il-Qorti qalet: *"la cambiale non firmata dal traente non e' un titolo negoziabile, e' trasferibile per girata, ma e' valida come una obligazione civile o commerciale secondo la natura del credito."* Ta' min isemmi illi dak iz-zmien u sa ftit ilu l-Qrati taghna kienu maqsuma bejn dawk Civili u dawk Kummercjali, fejn kien hemm kompetenzi stretti bejn dawn iz-zewg qrati. Illum din id-differenza m'ghadhiex aktar tezisti, pero' s-socjeta' konvenuta u l-kjamat fil-kawza xorta qeghdin ipoggu ostakolu meta' jikkwotaw il- kawza *Falcon Limited vs Carmelo Ciappara* deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998, fejn intqal *"l-istess obbligazzjoni semplici trid tkun xi b'mod jew iehor direttament jew indirettament jirrizulta mill-att tac-citazzjoni kif redatt, altrimenti l-azzjoni ma tistax tigi salvata bhala talba ghal kundanna tal-hlas ta' ammont bazata fuq titolu divers minn dak kambjarja…..".* Giet ikkwotata wkoll il-kawza *Joseph Attard noe vs Adrian* *Busietta noe* fejn intqal *"lanqas ma huwa possibbli li l-kawza titkompla mod iehor ghaliex ic-citazzjoni ma tikkontjeni ebda kawzali ohra hlief dik tal-non pagament tal-kambjala……"*

Il-Qorti tirrileva li dan l-insenjament qieghed jinghad minn u ghal qrati superjuri li huma marbuta bil-parametri stretti tal-kawzali u t-talba tac-citazzjoni fejn ma tistax tinghata sentenza jekk mhux fl-ambitu ta' l-istess kawzali u talba. (ara Carmelo Calleja vs Francesco Calleja deciza mill-Prim Awla fil-25 ta' Marzu, 1994). F'dan il-kaz pero', c-citazzjoni saret taht forma ta' avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn il-procedura hija wahda sommarja u minghajr il-formalita' li normalment wiehed jippretendi fil-Qrati Superjuri. Fil-fatt taht il-forma ta' l-avviz ma hemmx ghalfejn jinghaddu l-kawzali, izda bizzejjed li ssir it-talba. Minhabba n-natura informali ta' din il-procedura, l-Qorti mhijiex daqshekk marbuta bhal Qrati Superjuri mat-talba kif kontenuta fl-avviz, fis-sens li tista' taghti ragunijiet diversi, basta jkunu jirrizultaw mill-atti minghajr ma tmur oltre it-talba, (ultra petita). Ghalhekk ma hemm l-ebda ostakolu ghal din il-Qorti li titratta din il-kawza bhala

obbligazzjoni semplici, minkejja li fl-avviz hemm biss imsemmi t-talba fuq bazi ta' kambjala.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu ta' l-obbligazzjoni, jirrispondu din il-kawza hemm is-socjeta' konvenuta u Jeffrey Buttigieg personalment. Filwaqt li dik ta' l-ewwel tallega li ma tezistix b'dak l-isem, dak ta' l-ahhar ighid li huwa ma assuma l-ebda obbligi personali fil-konfront tas-socjeta' attrici.

Irrizulta mill-provi illi Jeffrey Buttigieg, bhalma ammetta huwa stess, jopera taht l-isem *J&K Properties*, izda l-kumpanija jisimha *JK Properties Limited*. Xi kultant milli jidher u kif jaqbillu, juza isem u meta jrid juza ohra, izda l-importanti ghal din il-kawza hu min ikkummissjona lis-socjeta' attrici li twettaq xogholijiet fuq il-karozza msemmija fil-bidu ta' dan il-gudikat. Irrizulta mill-provi li kien Jeffrey Buttigieg personalment li ha l-karozza ghand is-socjeta' attrici u jispjega fid-dettall kif hadha. Jammetti wkoll li kien hu li nnegozja mas-sur Cordina u mhux haddiehor….. (Fol 51) u wkoll li n-negozjati ghamilhom kollha hu u l-invoice giet iffirmata minnu (Fol 52), wara kollox kien hu li mar biex jehodha lura fis-17 ta' Ottubru, u dahal fl-argument ma' Ralph Cordina dwar il-kambjala u min kellu jiffirmaha, bil-konsegwenzi legali kollha.

Il-Qorti hija sodisfatta illi kien il-kjamat fil-kawza personalment illi qabbad lis-socjeta' attrici li tesegwixxi x-xogholijiet fuq il-vettura. Mhuwiex car jekk din il-vettura kienetx tieghu jew ta' huh, ghad illi Buttigieg ighid illi dak iz-zmien kien qed juzaha hu.  Ghalhekk gie ampjament ippruvat illi l-beneficcji tas-servizzi tas-socjeta' attrici ttiehdu mill-kjamat fil-kawza u jrid ihallas l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici.

Rigward il-credit note ta' ghoxrin lira (Lm20) illi tidher a fol 60 tal-process, il-Qorti tirrileva li din hija mahruga taht l-isem ta' Jeffrey Buttigieg ghan-nom tas-socjeta' *J&K Properties Limited*. Peress illi l-istess Jeffrey Buttigieg ighid illi s-socjeta' *J&K Properties Limited* ma tezistix, il-

Qorti mhijiex sejra tikkonsidra l-*credit note* f'dan l-istadju u thalliha impregudikata sakemm Jeffrey Buttigieg jiddeciedi taht liema isem irid jopera, biex ikun jista' jiehu l-beneficcju taghha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet ta' *J&K Properties Limited*, fis-sens li din ma tezistix, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-kjamat fil-kawza Jeffrey Buttigieg illi jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' mitejn tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u hamsin centemzi (Lm298.55) rapprezentanti l-valur ta' xogholijiet maghmula fuq il-vettura HAO 135 liema vettura ha konsenja taghha minghand is-socjeta' attrici fis-17 ta' Ottubru, 2000.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-kjamat fil-kawza Jeffrey Buttigieg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------